# Rapport Amministrattiv tas-sena 2015.

## Laqgħat tal-Kunsill

Il-Kunsill iltaqa' 13 il-darba matul is-sena 2015. Is-Sindku, flimkien mal-kunsilliera, kienu preżenti għal kull laqgħa, jew inkella kienu skuzati minn qabel.

Barra dawn il-laqgħat tal-Kunsill saru wkoll laqgħat flimkien ma entitajiet governattivi u NGO's rigward xogħolijiet u attivitajiet illi saru fil-konfini tal-lokalita ta' Ħal Safi.

## Proġetti li saru matul din is-Sena

- Użu tas-Sala

    1. Lezzjonijiet tat-Taljan u Accounts [Life Long Learning Programme] sa Mejju, u Accounts biss għal-perjodu Ottubru-Diċembru
    2. Ġinnastika[1] u Żumba/Pilates
    3. Day Centre[2]
    4. Science Club għat-tfal
    5. Riċeviment għal Jum Ħal Safi u għat-tnedija tad-DVD dwar l-istorja ta' Ħal Safi

- Kontinwazzjoni tal-Proġett tas-Southern Itenaries flimkien mal-MTA u l-kunsilli tal-Imqabba, Il-Qrendi u Ħal Kirkop fejn f'Ġunju kien hemm it-tnedija tal-proġett.

- Kontinwazzjoni u konklużjoni tal-awdjovisual tar-raħal.

- Kontinwazzjoni u konklużjoni [tnedija] tal-bini tal-I.T Room.

- Xogħol ta' tisbieħ, u konklużjoni tax-xogħolijiet [tnedija] [Ġnien il-Ħelsien].

- Xogħol ta' tisbieħ, u konklużjoni tax-xogħolijiet [tnedija] [Misraħ San Mattew/triq il-Ħajt Ruman].

---

[1] Bħas-snin preċedenti
[2] Bħas-snin preċedenti

- Post ġdid għall-ATM fejn ittieħdet minn triq l-Iskola sa triq il-Ħajt Ruman
- Renovazzjoni tal-librerija.
- Xibka ġdida għall-grawnd tal-futbol

**Applikazzjonijiet ta' fondi**

- Il-Kunsill applika għal fondi kulturali biex isiru attivitajiet f'Jannar u f'Diċembru izda ma ħa l-ebda fondi biex isiru dawn l-attivitajiet.
- Gal Xlokk: Il-Kunsill uza l-fondi tal-Gal Xlokk biex sar ir-reenactment tal-gwerra fejn l-Inglizi u l-Franċizi fil-Pjazza tar-raħal f'Marzu 2015.
- Il-Kunsill applika għal diversi fondi mid-Dipartiment. Il-Kunsill talab għal fondi għall-attivitajiet sportivi, għal librerija eċċ.
- Il-Kunsill, grazzi għal fondi tal-Malta Public Libraries, ħa l-fondi biex sar ir-renovazzjoni tal-librerija lokali.
- Il-Kunsill għandu jagħmel uzu ta' fondi tar-Reġjun Nofsinhar fis-sena 2016 li ġew approvati lejn l-aħħar tas-sena 2015. Fost dawn il-fondi hemm dawk illi se jiġu użati biex intejbu l-aċċessibilita fir-raħal.
- Il-Kunsill akwista l-fondi għax-xiri ta' AED li se tkun disponibbli għall-pubbliku. Il-Kunsill irċieva sponsor minn individwu biex jixtri AED ieħor għar-raħal.
- Il-Kunsill akwista sponsor mill-Wurth li għenu fil-proġett li sar għad-DVD dwar l-istorja tar-raħal.
- Il-Kunsill ġie mwiegħed €15,000 fondi kapitali li ġew approvati għall-I.T Room. Sfortunatament dawn il-fondi, sal-aħħar tas-sena, ma setgħux jiġu użati peress illi għadhom ma ġewx disponibbli.
- Il-Kunsill uza l-fondi tal-MEPA [UIF] għall-proġetti li saru f'Ġnien il-Ħelsien, kif ukoll f'Misraħ San Mattew/triq il-Ħajt Ruman.
- Il-Kunsill beda l-proċess għal żewġ bye-laws li huma għall-isponsor tal-kit tan-Nursery tal-futbol, kif ukoll għar-riklami fuq l-għamara tat-toroq.

- Norway Grants: Fondi għal numru ta' seminars rigward 'Good Practices at Local Government level'

- Il-Kunsill baqa jinsisti għal fondi għal:

  1. Ix-shelters
  2. Il-Ġnien ta' Ball
  3. Il-Playing Fields
  4. Ġnien Dun Karm Vella
  5. Il-Ħeritage Trail

**Servizzi tal-Kunsill**

- Bulky Refuse: Is-servizz ta' Bulky Refuse sar kull nhar ta' Sibt filgħodu.

- Librerija: Il-librerija hija miftuħa kull nhar ta' Tnejn [5-7pm], it-Tlieta [10.30-12.30pm], il-Ħamis [3.30-5.30pm] u s-Sibt [9-12am]..

- Il-Kunsill ma jieħu l-ebda ħlas għas-servizzi li qegħdin isiru fis-sala [l-ewwel punt tal-proġetti].

- Nursery: Il-Kunsill, flimkien mal-kowċes, ħadem ferm biex it-tfal igawdu n-nursery ta' Ħal Safi. F'2015 il-Kunsill sponsorja ħafna attivitajiet tan-nursery, waqt illi kompla joffri l-użu tal-grawnd għar-residenti, kif ukoll għan-nies ta' barra r-raħal [hemm ħlas ta' €25 fis-siegħa]. Il-Kunsill baqa jaħdem ma erba' kowċes fejn daħal iz-zagħzugħ, is-sur Kurt Camilleri mal-kontinġent ta' kowċes.

- GreenPak: Kull nhar ta' Tlieta l-GreenPak jiġbru l-boroz il-ħodor għall-iskart reċiklabbli. L-ewwel nhar ta' Ġimgħa ta' kull xahar isir il-ġbir tal-ħġieġ. Il-borża s-sewda tinġabar kuljum, barra nhat ta' Tlieta u l-Ħadd.

- Il-Kunsill baqa jagħmel użu tal-ħaddiema tal-IPSL [2] għax-xogħolijiet tal-manutenzjoni, kif ukoll kompla jagħmel użu ta' 3 ħaddiema oħra tal-IPSL għal bini tal-I.T Room fil-bidu tas-sena. Il-Kunsill uża wkoll is-servizz ta' 3 applikanti mill-ETC li ħadu ħsieb il-qtugħ tal-ħaxix/manutenzjoni tar-raħal, kif ukoll ħaddiema oħra taħt programm speċjali [dawn kienu qegħdin jaħdmu magħna sa nofs is-sena].

- Kull ġimagħtejn [nhar l-Erbgħa] ikun hemm impjegat fl-uffiċju tas-servizzi soċjali.

- Il-Kunsill baqa jiftaħ kuljum matul il-ġimgħa bejn it-8am u l-5pm, kif ukoll is-Sibt bejn 8am u 11.30am. Fis-sajf il-ħinijiet tal-ftuħ kienu bejn it-8am u 1.30pm, waqt illi l-ħinijiet tas-Sibt baqgħu l-istess. Anki meta l-Kunsill kien 'short-staffed' fl-ebda ġurnata matul is-sena l-Kunsill staqsa permess biex jagħlaq għal xi ħin.

**Ħarġiet**

Saru bosta ħarġiet matul is-sena 2015. Fost oħrajn kien hemm:

Ġita sa Sqallija
3 cities u l-Belt
Għajnslielem
Buskett
Dawra mal-gzejjer Maltin {Captain Morgan}
Diving

**Attivitajiet**

- Jum Ħal Safi: Minħabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill ħassar l-attivitajiet normali ta' Jum Ħal Safi. Sar biss riċeviment nhar il-Ħadd tal-festi.

- Nursery: Il-Kunsill organizza l-End of Season tan-nursery għat-tfal li ġew għat-training matul l-istaġun, kif ukoll għal dawk illi kienu parti mill-grupp li ġew għat-training fis-sajf.

- SkolaSajf: Il-Kunsill, organizza Skola Sajf fejn 'il fuq minn tletin tifel u tifla ħadu vantaġġ ta' din l-opportunita biex jitgħallmu, kif ukoll biex jieħdu pjaċir u jissoċjalizzaw, fiż-żmien tas-sajf.

- Il-Kunsill qassam 'hampers' għall-anzjani kollha li ma joħorġux mid-dar u lil Ħal Safin li huma residenti fid-djar tal-anzjani barra r-raħal. Il-Kunsill ukoll organizza parti għat-tfal tar-raħal kollu, kif ukoll ikla tal-anzjani ġos-sala tal-iskola, illi dawn iż-żewġ attivitajiet kienu suċċess kbir.

- Kunċert b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa San Pawl-Ħal Safi [27/12]

- Re-enactment tal-battalja bejn l-Inglizi u l-Franċizi fil-Pjazza

- Tneddija tad-dokumentarju [film] f’Marzu u tneddija tad-DVD komplut f’Diċembru.

**Kuntratti**

- Il-Kunsill ħareġ kwotazzjoni għas-servizzi:
    1. Għall-manutenzjoni/tindif tas-Soft Areas. Il-Kunsill ħa deċiżjoni fl-aħħar ta’ Diċembru u x-xogħolijiet għandhom isiru fl-ewwel ġimgħa ta’ 2016.
    2. Kien hemm extension tal-kuntrattu ta: l-Accountant, il-Perit, il-Ġardinar/Ħandyman.

**Accounts**

L-informazzjoni tal-accounts se jkun disponibbli izjed tard.

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv
Ħal Safi